Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 275/2010AE

**Maureen Greaves**

**Vs**

**Lorenza Bugeja u zewgha Emanuele Bugeja**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' Lulju 2010, l-attrici talbet lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' €4,560, self brevi manu li qalet li tat lill-konvenuti li baqa' ma thallasx.

Il-konvenuti wiegbu li:-

i. Is-somma ta' €1,460 kienet dovuta lill-attrici.
ii. Is-self inghata peress li l-konvenuta ma kinitx f'qaghda finanzjarja tajba u l-attrici kienet taf li l-konvenuti ma setghux ihallsu b'mod immedjat.
iii. Fir-rigward tal-bilanc m'humiex il-legittimi kontradditturi peress li l-kumplament tal-flus inghataw direttament lil Ghasan Kaseb.
iv. Kien sar mandat ta' sekwestru u gew sekwestrati €612.47. Mid-debitu ta' €1,460 fadal biss bilanc ta' €787.53.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ewwel eccezzjoni giet milqugha u t-talba attrici ntlaqghet limitatament ghas-somma ta' €1,460 bl-imghax skond il-ligi.

L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:-

1. Kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet, kien hemm qbil dwar l-ammont li l-attrici sellfet.
2. L-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma ntrinsikament marbutin ma' xulxin. Biex tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni kellha tintlaqa' t-tieni eccezzjoni.
3. L-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti.
4. Il-kap tal-ispejjez. M'hemmx lok li l-attrici tbati nofs il-kap tal-ispejjez. L-attrici ma rrifjutatx il-hlas.

Il-konvenuti wiegbu:-

1. Id-diskrezzjoni tal-ewwel qorti ghandha tigi disturbata biss f'kazijiet eccezzjonali.

2. Il-konvenuta hi certa dwar fatt wiehed, cjoe' li ssellfet is-somma ta' €1,460. Kienet taf li Ghassan Kaseb isssellef xi flus, izda ma kinitx taf kemm u jekk kienx hallas lura.
3. Minhabba l-hbiberija li kien hemm bejn il-kontendenti, ma kienx hemm ricevuti.
4. L-eccezzjonijiet m'humiex intrinsikament marbutin ma' xulxin.
5. L-ewwel qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi. Il-konvenuti dejjem kienu konsistenti fir-rigward tal-ammont li ssellfu minghand l-attrici.
6. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, hemm prova li l-attrici rrifjutat hlas minghand il-konvenuti (ara x-xiehda ta' Lorenza Bugeja, fol. 48 u Dok. LB1 a fol. 55).

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 saret trattazzjoni.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. L-ewwel qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi. Hu maghruf li tali ezercizzju ma jigix facilment disturbat minn din il-qorti.

2. Fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2014, il-qorti qalet:-

   (a) Ir-rendikont li pprezentat l-attrici (fol. 30) ma kienx iffirmat mill-konvenuta. Inoltre kien jidher li nkiteb f'darba minkejja li jkopri l-perjodu bejn l-10 ta' Awissu 2009 u l-10 ta' Marzu 2010.
   (b) L-attrici pprezentat rendikont ta' kont bankarju (fol. 31-34) li kellha u li minnu qalet li kienet tigbed il-flus li kienet issellef lill-konvenuti. Fid-dokument immarkat l-ammont ta' flus li gibdet u li skond hi tat b'mutwu lill-konvenuti. Meta tipparaguna dan id-dokument mar-rendikont a fol. 30, l-ammonti dikjarati ma jaqblux hlief ghal zewg dati (25 ta' Settembru 2009 u 10 ta' Marzu 2010).
   (c) L-attrici qalet li kien hemm drabi li mhux l-ammont kollu haditu mill-kont bankarju peress li kellha flus id-dar u ghalhekk kienet tigbed il-kumplament mill-kont bankarju. Kieku din kienet il-verita, l-attrici kienet tigbed mill-bank ammont ta' flus inqas minn dak li effettivament tghid li selfet lill-konvenuti fir-rendikont a fol. 30. Hu biss fl-10 ta' Marzu 2010 u 22 ta' Settembru 2009 fejn jirrizulta li din il-verzjoni tal-attrici tista' tregi, cjoe' li mill-bank kienet tigbed ammont inqas minn dak li tghid li selfet lill-konvenuti. Fir-rigward tad-dati l-ohra, mill-kont bankarju (fol. 31) jirrizulta li ngibdu ammont iktar minn dawk li jissemmew fir-rendikont a fol. 30.
   (d) Filwaqt li qabel il-kawza l-konvenuta kienet f'ittra legali qalet liema kienu x-xhur li fihom issellfet flus minghand l-attrici, min-naha l-ohra kien biss waqt il-kawza li l-attrici tat rendikont ta' kemm selfet flus lill-attrici.
   (e) Il-konvenuta, f'ittra legali kienet ammettiet li ssellfet flus f'Awissu 2009, Dicembru 2009, Frar 2010 u Marzu 2010. Jekk mir-rendikont tal-attrici (fol. 30) tghodd l-ammonti ta' flus li l-attrici qalet li selfet

lill-konvenuti matul l-imsemmija xhur, it-total hu ta' €1,460. Dan hu l-ammont li mill-bidunett il-konvenuti qalu li ssellfu minghand l-attrici.

(f) Minn ezami tar-rendikont bankarju li pprezentat l-attrici, jirrizulta li kull xahar kienet tigbed ammonti konsiderevoli.

3. Hu fatt li:-

i. Fit-twegiba (fol. 7) il-konvenuti ddikjaraw li:-

*"Illi ghal kumplament tad-debitur l-esponent m'hijiex il-legittimu kontradittur stante illi r-rimanenti tlitt elef u mitt Ewro (€3,100) inghataw b'self brevi manu lil Ghassan Kaseb, u mhux lilha, u l-flus ghaddew direttament lilu".*

Pero' meta l-konvenuti harrku lil Kaseb bhala xhud taghhom, qal li minghand l-attrici sselief is-somma ta' €600 li eventwalment qal li hallas lura lill-attrici. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenuta ma gietx korraborata mix-xhud taghha stess.

ii. Il-konvenuta xehedet:

*"Dwar il-flus involuti f'din il-kawza, nghid illi mhux kollha jien hadthom. B'riferenza ghall-istess flus, jiena nghatajt biss is-somma ta' elf erba' mija u sittin Ewro. **Jien naf li gew mislufa mill-attrici lill-habib iehor tieghi bl-isem ta' Ghassan kunjom Kasseb**. Minn dawn il-flus li inghataw lil dan ta' l-ahhar, ftit minnhom biss inghataw fil-presenza tieghi. Dawn ta' l-ahhar kienu jammontaw ghal sitt mitt ewro (€600)"* (fol. 23).

iii. Il-konvenuta xehedet:

*"Ma niftakarx kemm ghaddejt flus lir-ragel li semmejt"* (fol. 24).

iv. Din il-qorti ma tarax wisq kredibbli meta l-konvenuta qalet li ma zammitx notament tal-ammont ta' flus li kull darba nghatat mill-attrici (fol. 51). Jekk kif qalet hadet notament tax-xahar u sena meta nghatat il-flus, probabilment kienet ser tnizzel ukoll is-somma flus li nghatat.

Pero' din il-qorti ma tistax tasal biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti meta tqies li:

i. Il-konvenuti qatt ma ddikjaraw li l-bilanc ta' €3,100 inghata lilhom. Mill-bidunett qalu li dawk il-flus inghataw '***direttament lilu'*** (fol. 7), cjoe' Kaseb.

ii. Ghalkemm Kaseb ma kkoraborax dak li gie dikjarat fit-tieni eccezzjoni [1], ma jfissirx li l-flus effettivament inghataw lill-konvenuti. Dan hu ragunament *by elimination* li ghamlet l-attrici, li m'huwiex floku meta tqies li:

- Mill-bidunett il-konvenuti ddikjaraw li l-bilanc ta' €3,100 inghata direttament lil Kaseb;
- Hadd mill-konvenuti ma ddikjara li kien ircieva flus ghan-nom ta' Kaseb;
- Il-konvenuta xehedet li fil-presenza taghha l-attrici tat lil Kaseb is-somma ta' €600 biss (fol. 23 u 24). Madankollu l-konvenuta qatt ma ntalbet tispjega kif fit-twegiba ddikjarat li l-bilanc ta' €3,100 inghata lil Kaseb;

iii. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-konvenuta li ma kinitx tiftakar *"… kemm ghaddejt flus lir-ragel li semmejt"* (fol. 24), hawn ukoll hemm nuqqas ta' kjarezza. Fir-rikors tal-appell l-attrici ghamlet riferenza ghal din id-dikjarazzjoni (ara tielet aggravju, fol. 4). L-attrici taghti x'tifhem li l-konvenuta kienet qeghda tirreferi ghal flus li tat lil Kaseb mill-flus li rceviet b'mutwu minghand l-attrici. Il-qorti ma tistax tikkonkludi li b'dik id-dikjarazzjoni l-konvenuta ammettiet li kienet irceviet flus minghand l-attrici u li wara tathom lil Kaseb. M'huwiex car ghal liema flus kienet qeghda tirreferi l-konvenuta, ghalkemm ftit qabel iddikjarat: *"Gieli ghint lil dan ir-ragel finanzjarjament"* (fol. 24).

iv. L-attrici xehedet *"I have nothing to do with Jassan, I did not lend him any money…."* (fol. 21)[2], meta Kaseb xehed li kien issellef flus. Hu veru li s-somma li x-xhud qal li ssellef hi 'l boghod mic-cifra li semmew il-konvenuti, izda jibqa' 'l fatt li x-xhud ikkontradica dak li xehedet l-attrici. Xhud li l-attrici stess ghamlet riferenza ghalih biex tiskredita lill-konvenuti u qatt ma kkontestat il-kredibilta' tieghu.

v. Ghalkemm il-konvenuta m'hijiex kredibbli meta qalet li ma kinitx izzomm notament tal-ammont li kull darba sselfet flus minghand l-attrici fl-erba' xhur li jissemmew fl-ittra legali tas-6 ta' Mejju 2010 (fol. 55), dan 'il fatt wahdu m'huwiex bizzejjed biex iwassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti kellha tiskarta l-verzjoni tal-konvenuta. Id-decizjoni tal-ewwel qorti m'hijiex bazata biss fuq 'il fatt li tidher li emmnet lill-konvenuta li ma kinitx tiehu notament tal-ammont ta' flus li kull darba ssellfet minghand l-attrici.

---

[1] Kaseb xehed li minghand l-attrici ssellef is-somma ta' €600 u xi xahar u nofs wara hallashom lura lill-attrici.

[2] Dikjarazzjoni li rrepetiet in kontro-ezami (fol. 38); *"He never asked me for money"*.

Dan ovvjament apparti r-ragunament li ghamlet l-ewwel qorti. F'dan il-kaz m'hemmx provi li jikkonvincu lil din il-qorti li l-ewwel qorti skartat xi provi li kellhom iwassluha ghal konkluzjoni li l-verzjoni tal-attrici kienet il-verita'. Wara li l-qorti rat l-atti lanqas mhi f'posizzjoni li tikkonkludi li a bazi tal-provi li ressqu l-partijiet, l-unika konkluzjoni li setghet tasal ghaliha l-ewwel qorti kienet li verament l-attrici kienet selfet lill-konvenuti s-somma ta' €4,650. Fic-cirkostanzi m'hemmx bazi biex jintlaqa' l-appell tal-attrici.

4. L-attrici ssostni li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma ntrinsikament marbutin ma' xulxin fis-sens li ladarba ntlaqghet l-ewwel eccezzjoni kellha tintlaqa' t-tieni eccezzjoni[3]. Il-qorti ma taqbilx. L-argument tal-attrici seta' jregi li kieku l-konvenuti qalu li rcevew is-somma ta' €3,100 ghan-nom ta' Kaseb. Pero' dikjarazzjoni simili qatt ma saret. Inoltre, ladarba ntlaqghet l-eccezzjoni li l-ammont dovut hu ta' €1,460[4], ma jfissirx li kellha tintlaqa' wkoll it-tezi tal-konvenuti li l-bilanc kien gie misluf lil Kaseb. Dak li kien rilevanti ghall-kaz in ezami hu l-ammont li effettivament gie misluf lill-konvenuti, mehud in konsiderazzjoni li l-konvenuti qatt ma ammettew li rcevew is-somma pretiza mill-attrici.

5. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, il-qorti hi tal-fehma li m'hemm xejn xi tvarja meta tqies li l-attrici kienet qeghda tippretendi l-hlas ta' €4,650 u effettivament it-talba taghha ntlaqghet ghas-somma ta' €1,460, cjoe' 31% biss tas-somma pretiza mill-attrici. Dan 'il fatt ukoll kien jitlob li l-attrici taghmel tajjeb ghal parti mill-ispejjez, ghalkemm mis-sentenza ma jidhirx li l-ewwel qorti haditu in konsiderazzjoni[5].

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.

---

[3] Il-qorti qeghda tifhem li l-attrici qeghda tirreferi ghal dik il-parti tat-twegiba fejn il-konvenuti ddikjaraw: *"Illi ghall-kumplament tad-debitu l-esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur stante illi r-rimanenti tlitt elef u mitt Ewro (€3,100) inghataw b'self brevi manu lil Ghasan Kaseb, u mhux lilha, u l-flus ghaddew direttament lilu"* (fol. 7).

[4] *"Illi fil-fatt l-esponenti hija debitrici biss tal-ammont ta' elf erba' mija u sittin Ewro (€1,460)"* (fol. 7).

[5] L-ewwel qorti ordnat li l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs *".... stante li l-attrici li rrifjutat il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' elf erba mija u sittin Euro (€1,460)"*.